MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 1122/2005

Id-Direttur tal-Artijiet
vs
Carmel Dimech

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha ppremetta:

Illi permezz ta' kuntratt datat 17 ta' Mejju 1989, l-attur kien ikkonceda permezz ta' titolu ta' cens temporanju ghal hamsin sena, bicca art ghall-bini ta' garaxx, li tinsab f'Hal-Mula Housing Estate, gewwa Haz-Zebbug, u li fiha l-kejl ta' wiehed u ghoxrin metru kwadru (21mk), u dan bil-canone ta' hamsa u sebghin lira u hmistax-il centezmu (Lm75.15) fis-sena, u dan b'effett mill-11 ta' Novembru 1988, liema cens jithallas, kull sena bil-quddiem.

Illi l-konvenut qatt ma kien hallas l-imsemmi cens, u ghalhekk sa llum kellu jaghti s-somma globali ta’ elf, tliet mija, u tnejn u hamsin liri Maltin u sebghin centezmu (Lm1352.70).

Illi l-konvenut bhala censwalist kellu jaghti bhala cens, somma akbar minn kemm igibu c-cnus ta’ tliet snin.

Illi in vista ta’ dan, l-attur kellu dritt jitlob il-hall ta’ l-enfitewsi in kwistjoni, ai termini ta’ l-artikolu 1517 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-attur talab lill-Qorti, biex ai termini tal-artikolu 1517 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta:

1. Tiddikjara l-hall tal-koncessjoni enfitewtika indikata.

2. Tikkundanna lill-konvenut irodd lura l-fond lill-attur, bil-miljoramenti.

3. Tikkundannah ukoll ai termini l-Artikolu 1519 subinciz (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, ihallas ic-cens kollu dovut mill-11 ta’ Novembru 1988, sa llum, u cioe` s-somma ta’ elf, tliet mija u tnejn u hamsin liri Maltin, u sebghin centezmu (Lm1352.70).

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensur tal-attur.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat illi l-konvenut debitament notifikat skond il-ligi ma pprezentax nota ta’ eccezzjonijiet u ghalhekk baqa’ kontumaci, u anqas deher ghas-seduta tal-lum.

**C. KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk fuq kontumcja t-talbiet tal-attur jidhru gustifikati u l-Qorti qed tilqaghhom billi tiddikjara l-hall tal-koncessjoni enfitewtika indikata. Tikkundanna lill-konvenut irodd lura l-fond lill-attur, bil-miljoramenti u tikkundanna lill-istess konvenut biex ai termini l-Artikolu 1519 subinciz (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ihallas ic-cens kollu dovut mill-11 ta' Novembru 1988, sa llum, u cioe` s-somma ta' elf, tliet mija u tnejn u hamsin liri Maltin, u sebghin centezmu (Lm1352.70).

Spejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------